ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI
MALTA

ĊIR AKL 98/2017 - Ġbir ta' korrispondenza/ statements/invoices li tikkonċerna lill-kumpanija FACES

Lis-Sindki,
Viċi Sindki, Kunsilliera,
Segretarji Eżekuttivi,

Għeżież Kollegi,

Ġentilment qiegħed nitlobkom li tgħaddu lil Assoċjazzjoni kull ilment jew korrispondenza oħra li bħala Kunsill Lokali għaddejtu lil kumpanija FACES rigward il-Bus Shelters. Nitlobkom ukoll li tgħaddu kull invoice jew statement mingħand FACES Consultants Ltd irrispettivament minn meta irċivejtuwa.

Din l-informazzjoni għandha tintbgħat fuq lca@lca.org.mt sa mhux aktar tard min-nhar il-Ġimgħa 17 ta' Novembru 2017.

Grazzi u tislijiet,

Mario Fava
President

**Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali**

ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI
MALTA

**Local Government Building,**
**Local Government Road,**
**Marsa, Malta**
**Tel: +35625968000**
**E: lca@lca.org.mt**

**Kunsill Lokali** — **Kumment**

**Birżebbugia**

Il-Kunsill ikkonferma li m'hemm l-ebda invoice jew statem/ent pendenti. Il-Kunsill għadda żewġ ilmenti:

- 22/08/2013 – Il-Kunsill bagħat lil FACES biex jirraporta ħsara
- 02/09/2013 – Intbgħat l-ewwel reminder
- 17/09/2013 - Intbgħat it-tieni reminder
- 27/09/2013 - Intbgħat it-tielet reminder fejn biex jingħata rendikont jekk ix-xogħol kienx konkluż

Rapport ta' Bus Shelter li kellha bżonn manutenzjoni wara li ntlaqtet minn karozza tal-linja

- 11/02/2017 – Sar ir-rapport mill-Kunsill Lokali
- 16/02/2017 – Transport Malta infurmat li qabel tiġi msewwija l-bus shelter ikun irrid jiġi ttranġat il-paviment

**Ħal-Lija**

Sar ukoll request għal Bus Shelter ġdida

- 09/02/2017 – Intbgħat ir-request mill-Kunsill lill-FACES
- 09/02/2017 – FACES irrispondiet li kienet ser tibgħat kwotazzjoni
- 14/03/2017 - Intbgħat l-ewwel reminder
- 22/03/2017 - Intbgħat it-tieni reminder
- 30/03/2017 - Intbgħat it-tielet reminder
- 06/04/2017 –Intbgħat ir-raba' reminder
- 19/10/2017 - Intbgħat il-ħames reminder

**Għasri**

Il-permessi meħtieġa tal-Awtorita' tal-Ippjanar qegħdin għand il-Kunsill imma FACES qatt ma ħadet azzjoni biex il-Bus Shelters jiġu mibdula.

**Iklin**

Kunsill m'għandux kont mal-kumpanija FACES peress li huma jikkorrispondu dirett ma' TM.

**Nadur**

Il-kunsill bagħat invoice u statement li tammonta għal €2,300 biex tneħħit u twaħħlet mill-ġdid Bus Shelter.

**Balzan**

F' April 2017 saret talba għal żewġ Bus Shelters waħda fi Triq Birbal u oħra Triq it-Tliet Knejjes. Sa issa għadu ma kien hemm l-ebda risposta min-naħa ta' FACES.

**Msida**

Kunsill m'għandux kont mal-kumpanija FACES peress li huma jikkorrispondu dirett ma' TM.

**Marsaxlokk**

Kien hemm rapport li ġiet imwaħħla Bus Shelter li kienet diġa imsadda. Kien hemm ukoll rapport ta' każ ieħor fejn iżżarma Bus Shelter u tħalla mingħajr kenn għal min ikun qed jistenna tal-linja.

**Mqabba**

Kien hemm rapporti lil kumpanija FACES fejn Bus Shelters ma kienux qed jixgħelu. Il-korrispondenza kienet:

- 05/08/2013 sar ir-rapport min-naħa tal-Kunsill
- 18/09/2013 - Intbgħat l-ewwel reminder
- 23/10/2013 - Intbgħat it-tieni reminder
- 20/11/2017 - Intbgħat it-tielet reminder
- 21/11/2013 – FACES infurmat lill-Kunsill li l-Bus Shelter ma kienux mad-dawl għalhekk kien hemm bżonn li l-Enemalta tieħħu ħsieb li dawn jitqabdu.
- 22/11/2013 – Il-Kunsill irrisponda billi semma li dan ma jistax ikun peress li waħda mill-Bus Shelters kienet tkun tixgħel matul il-ġurnata u l-Bus Shelter l-oħra kienet ijlha hemm għal tul ta' żmien, għalhekk bil-fors li kienet ħsara li riedet tissewwa min-naħa tal-kumpanija FACES.

Il-Kunsill ġibed ukoll l-attenzjoni dwar tisswijiet u manutenzjoni ġenerali speċjalment tindif tal-Bus Shelters li din il-korrispondenza damet għadejja bejn Marzu 2015 u Awwissu 2015.

**Marsascala**

Intbgħatet korrispondenza min-naħa tal-Kunsill bejn

is-6 ta' Marzu u l-21 ta' Marzu biex tinxtgħel Bus Shelter. Il-problema issolviet fis-27 ta' Marzu.

Saret ukoll komunikazzjoni fuq xi tiswijjiet ta' Bus Shelters li kienu ġew milquta minn xi vetturi.

**Mellieħa**

Il-Kunsill kellu problema li waħda mill-Bus Shelters kienet ta' periklu għan-nies.

- 28/08/2017 – Il-Kunsill għamel ir-rapport
- 30/08/2017 – FACES irrispondew
- 31/08/2017 - Reġa' daħal rapport ġgand il-Kunsill fuq l-istess Bus Shelter
- 31/08/2017 – Il-Kunsill reġa' bagħat jinforma lil FACES
- 29/09/20217 – Il-Kunsill reġa' bagħat lil FACES

Il-Kunsill għamel ukoll rapporti li kien hemm xi Bus Shelters mingħajr bozoz

**Pembroke**

Il-Kunsill bagħat lil FACES biex isiru xi tiswijiet.

- 24/05/2017 – Rapport biex isiru t-tiswijjiett meħtieġa
- 06/06/2017 - Intbgħat l-ewwel reminder
- 16/06/2017 - Intbgħat it-tieni reminder
- 30/06/2017 - Intbgħat it-tielet reminder
- 25/07/2017 - Intbgħat ir-raba' reminder
- 11/08/2017 - Intbgħat il-ħames reminder
- 21/08/2017 - Intbgħat is-sitt reminder
- 07/09/2017 - Intbgħat is-seba' reminder

Minkejja dan kollu, FACES qatt ma ħadet azzjoni.
Il-Kunsill m'għandux invoices pendenti.

**Kalkara**

Il-Kunsill m'għandux invoices pendenti.

**Ħamrun**

Il-Kunsill m'għandux invoices pendenti.

**Żurrieq**

Kien hemm korrispondenza bejn il-Kunsill u FACES biex jindikaw fejn irridu Bus Shelters ġodda peress li kienu qed jinbidlu r-rotot tal-karozzi tal-linja.

| | |
|---|---|
| **St. Pauls Bay** | Kunsill m'għandux kont mal-kumpanija FACES peress li huma jikkorrispondu dirett ma' TM. |
| **Fgura** | Kunsill m'għandux kont mal-kumpanija FACES peress li huma jikkorrispondu dirett ma' TM. |
| **Ta' Xbiex** | Il-Kunsill Lokali bagħat diversi invoices u statements. |
| **Isla** | Il-Kunsill Lokali tal-Isla qatt ma irċieva Invoices jew Statments minn għand FACES. Il-Kunsill Lokali tal-Isla għamel ilmenti lit-TM li ġewwa l-Belt tal-Isla ma hemmx BUS SHELTERS |
| **Żebbuġ** | Xi informazzjoni fuq ilmenti/suggerimenti li għandna pendenti mal-kumpanijia FACES huma: |

- Bus shelter fi Pjazza l-Assunta fiha l-bank maqlugħ u hu ta' periklu għal min jużaha;
- Bus shelter fi Triq iż-Żebbuġ hemm il-ħġieġa ta' wara miksura;
- Biex issir bus shelter ġdida fi Triq il-Qbajjar Marsalforn;
- Biex issir bus shelter ġdida fi Triq Santa Marija Marsalforn.